MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 304/2007

**Kawża Nru: 21**

**A**

**-vs-**

**Kuraturi li b'digriet ta' l-14 ta' Awissu, 2007 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Lulju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

(a) Illi l-kontendenti A kien iżżewweġ lil B fit-8 ta' Marzu, 2001 bħala żwieġ ċivili, Dok. 'A';

(b) Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

(c) Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien inkiser bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew dritt għall-att taż-żwieġ, liema att taż-żwieġ fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet;

(d) Illi ser jirriżulta wkoll simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ;

(e) Illi ser jirriżulta li fil-fatt il-konvenuta ma riditx li jkun hemm tfal riżultanti mir-relazzjoni taż-żwieġ bejn il-partijiet;

(f) Illi *di piu'*, iż-żwieġ *per se* qatt ma ġie konsumat.

(g) Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ huwa null u bla effett ukoll *ai termini* ta' l-artikli l-oħra relevanti taħt l-Att XXXVI ta' l-1975 li jirregola ż-żwiġijiet.

Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

(a) Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti A u B debitament ikkontrattat fit-8 ta' Marzu, 2001 huwa null u bla effett *ai* finijiet u effetti kollha tal-liġi u tagħti dawk il-provvedimenti kollha l-oħra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta minn issa biex tixhed in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fit-12 ta' Settembru, 2007, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirriżervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-2001 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti *nomine* ma ma kinux f'pożizzjoni li jressqu provi billi ma kienx hemm indikazzjoni fejn qegħda l-konvenuta.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna

deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Barra minn dan huwa magħruf li fl-ordinament ġuridiku tagħna l-kontumaċja hija kkunsidrata mhux bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni.

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (c) – qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew element essenzjali tiegħu.

Mill-provi mressqa l-Qorti hija konvinta li dan ma kienx żwieġ ta' konvenjenza u kieku sar wara l-2005 kien ikun hemm każ *prima facie* ta' reat. Il-partijiet raw lil xulxin biss darba qabel iż-żwieġ u l-attur ammetta li jekk jara lill-konvenuta lanqas biss jagħrafha. Fil-fatt la jaf fejn tinsab u lanqas x'qegħda tagħmel.

Ħafna mill-kontenut ta' l-affidavit prodott jirrakkonta episodji wara ż-żwieġ, u naturalment x'ġara wara ż-żwieġ hu mmaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta' qabel iż-żwieġ, iżda anke hawn fil-fehma tal-Qorti hemm indikazzjonijiet ċari li ż-żwieġ kien vizzjat. Il-partijiet ma kkonsmawx iż-żwieġ u kulħadd telaq għal rasu!

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u*

*cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Fil-każ in eżami ma hemmx għalfejn indaġni fit-tul biex wieħed jikkonkludi li ż-żwieġ kien biss farsa.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Marzu, 2001. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------